MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-1 ta' Jannar, 1900

Numru 1024/2003

Il-Pulizija
(Sp Martin Sammut)
vs
Jamal Badawi, iben Ragab, imwieled il-Greċja fid-19 ta' lulju, 1981

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fil-lejl ta' bejn is-17 u it-18 ta' mejju, 2003 f'xi ħin bejn nofs il-lejl u is-sagħtejn ta' fil-għodu, ġewwa Triq San Ġorġ u Triq Ball, San Ġiljan, l-għassa tal-pulizija ta' San Ġiljan u inħawi oħra f'dawn il-Gżejjer –
1. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew ħebb kontra PS1492 J. Pace, PC1126 A. Agius, PC446 J. Mifsud, PC880 N. Pantalleresco u PC711 R. Magro, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt

li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
2. bil-ħsieb li jagħmel ħsara lill- PS1492 J. Pace, PC1126 A. Agius, PC446 J. Mifsud, PC880 N. Pantalleresco u PC711 R. Magro, akkuża lill-istess quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li dawk il-persuni huma nnoċenti;
3. ħalef il-falz quddiem uffiċjal li kellha s-setgħa b'liġi li tagħti l-ġurament;
4. ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PC1126 A. Agius skond kif iċċertifika it-Tabib Dr. A. Drago ta' l-Isptar San Luqa;
5. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, u cioe' vettura tal-marka Fiat Ducato, bin-numru tar-reġistrazzjoni GVP300, proprjeta' tal-pulizija esekuttiva, liema ammont ta' ħsara ma jiskorriex il-ħames mitt lira maltin (Lm500) iżda iżjed minn Ħamsin lira maltin (Lm50) għad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija u ta' l-Gvern ta' Malta;
6. ma obdiex l-ordni leġittimi ta' persuni nkarigati minn servizz pubbliku u cioe' PS1492 J. Pace, PC1126 A. Agius, PC446 J. Mifsud, PC880 N. Pantalleresco u PC711 R. Magro, jew ma ħalliex jew fixkilhom waqt li kienu qd jagħmlu id-dmirijiet tagħhom, jew b'mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirijiethom, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi, jew b'xi mod ieħor;
7. f'lok pubbliku waqt li nstab fis-sakra dejjaq lin-nies jew għamel storbju;
8. mingħajr ma darab jew sawwat, hedded bi ħwejjeġ iebsin lill-PC446 J. Mifsud, PC880 N. Pantalleresco u PC711 R. Magro;
9. ħebb għall- PS1492 J. Pace, PC1126 A. Agius, PC446 J. Mifsud, PC880 N. Pantalleresco u PC711 R. Magro, sabiex jinġurja jdejjaq jew jagħmel ħsara lilhom;
10. inġurja jew hedded lill-Ispettur Robert Gregory, PS1492 J. Pace, PC1126 A. Agius, PC465 D. Abela, PC533 P. Sheehan, PC446 J. Mifsud, PC880 N. Pantalleresco u PC711 R. Magro;
11. inbotta fit-triq lill-PS1492 J. Pace;

12. għad li kien xurban, qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indeċenti;
13. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' ottubru, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li l-imputat ikkopera bi sħiħ mal-pulizija.

Illi jiġi rilevat li dan il-proċess inħaraq totalment fil-ħruq li ħakem din il-Qorti fit-12 ta' lulju, 2004.

Illi llum l-imputat qed iġib ruħu sew u għandu xogħol stabbli.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 96, 101, 108, 216, 325(1)(b), 338(bb)(dd)(ee)(ff) u 339(1)(b)(d)(e)(l) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali sentenza ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------